# Editorjal

## Moviment ta' kritika letterarja fi ħdan l-Għaqda

Wieħed mill-għanijiet ta' l-Għaqda tal-Malti (Università) llum hu li, fi ħdan id-Dipartiment tal-Malti, li jagħti importanza kbira lill-kritika letterarja bħala parti mill-programm ta' l-istudji akkademiċi, tissawwar skola ta' studenti u gradwati li jinxteħtu fuq il-kritika letterarja u jissoktaw jistudjawha xjentifikament. "Leħen il-Malti" qiegħed jagħti ħjiel ta' dan il-għan billi jaħtar din l-edizzjoni lix-xogħlijiet ta' gradwati tal-Malti, u jxandar xogħlijiet tagħhom li jixħtu dwal ġodda fuq ix-xejriet mistħarrġa. Il-Bord Editorjali jittama li din il-ħarġa tkun l-ewwel waħda minn sensiela ta' ħarġiet ta' din ix-xeħta.

L-Għaqda qiegħda titħabat ħafna biex tibni lilha nnifisha f'moviment letterarju modern li jirrifletti r-realtajiet Maltin u dinjija tas-snin disgħin u tas-seklu 21. Għal dan il-għan id-Dipartiment tal-Malti joffri l-aġġornament meħtieġ kollu f'dik li hi viżjoni letterarja u kulturali, dejjem b'riferiment sħiħ għal kulma jiġri fid-dinja barranija.

L-interess kbir u serju li hawn fost l-istudenti fl-istudju tal-kritika letterarja jqawwilna qalbna li dan il-għan jintlaħaq. L-Għaqda temmen bis-sħiħ li f'Malta wkoll trid tidħol l-idea elementari li l-kritika letterarja hi xjenza u li għandha tinbena fuq studju twil u sistematiku. Dan il-bidu għandu jkun awgurju u garanzija għat-titjib li nistennew fil-ġejjieni.

Fl-Għaqda, immexxija mill-kriterji tad-Dipartiment tal-Malti, illum mhux biss hemm għadd tassew kbir ta' mseħbin, iżda qegħdin jinbtu kittieba u kritiċi li nistennew li naraw il-frott siewi tagħhom fi żmien qasir. L-Għaqda tħares 'il quddiem bħala moviment letterarju li jara fil-letteratura l-aqwa espressjoni tar-ruħ tal-bniedem.